# Viżjoni ekonomika ħadra għall-Ewropa

## Deskrizzjoni tas-sitwazzjoni

### Il-viżjoni ekonomika ħadra

Il-Ħodor Ewropej jemmnu li l-attività umana għandha tqis li nagħmlu parti minn ekosistema rikka għad li limitata, interdipendenti u fraġli. Fi ħdan dan il-kuntest, inqisu l-ekonomija bħala għodda, u mhux bħala objettiv fih innifsu. Il-prijorità tal-attività ekonomika hi li tissodisfa l-ħtiġijiet bażiċi u li tikkontribwixxi għal ħajja ta' kwalità aħjar għal kulħadd, issa u fil-ġejjieni.

Jista' jkollna ekonomija b'saħħitha meta d-dinja tkun b'saħħitha biss; is-sostenibiltà ambjentali u soċjali hija prerekwiżit għal ekonomija ħadra. Il-ġenerazzjonijiet preżenti mhumiex sidien tad-dinja, iżda jużawha u jżommuha bħala dawk fdati li jagħmlu dan f'isem il-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni. L-iżvilupp sostenibbli jissodisfa l-ħtiġijiet tal-ġenerazzjoni preżenti mingħajr ma jikkomprometti l-ħtiġijiet tal-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni.

Viżjoni ekonomika ħadra tagħti prijorità lill-ġustizzja u l-ekwità soċjali u ambjentali fi ħdan in-nazzjonijiet u bejniethom. Dawn jinkludu użu ġust tar-riżorsi tad-dinja u li tinbidel it-tendenza ta' twessigħ tal-firda bejn is-sinjuri u l-foqra. Infittxu li nnaqqsu l-inugwaljanzi fit-tqassim tal-poter u fl-aċċess għar-riżorsi. Kull persuna għandha d-dritt li jkunu ssodisfati l-ħtiġijiet bażiċi tagħha ta': arja nadifa, ilma, ikel, ħamrija, kenn, enerġija, saħħa, libertà. Kull bniedem għandu dritt għas-solidarjetà, id-demokrazija, l-awtodeterminazzjoni, l-awtonomija, ir-responsabiltà, id-dinjità, l-awtosodisfazzjon. L-ekonomija għandha pjuttost ittejjeb il-benesseri tal-bniedem milli tnaqqas minnu.

Ekonomija ħadra hija ekonomija innovattiva u kreattiva bi rwol ċentrali għal investimenti fl-iżvilupp sostenibbli u fit-teknoloġija ħadra. Hija ekonomija adattabbli li toħloq ħafna opportunitajiet ġodda, b'mod partikolari fis-suq tax-xogħol, filwaqt li tagħti lil kulħadd il-possibiltà ta' sfruttament tat-talenti proprji. Is-soluzzjoni għat-tħaddir tal-ekonomija hija li din issir anqas intensiva fl-użu tagħha tar-riżorsi naturali.

## Għalfejn Ma Nistgħux Nibqgħu Mexjin f'din it-Triq

L-isfidi kontemporanji huma bla preċedent mhux biss b'mod ekoloġiku; il-globalizzazzjoni tas-swieq, tal-flussi finanzjarji u tal-komunikazzjoni qiegħda tinfirex lilhinn mill-fruntieri strutturali jew istituzzjonali eżistenti u qiegħda tikkawża tensjoni lill-ekonomiji nazzjonali. Fuq il-bażi tal-għarfien, tal-kultura u tal-innovazzjoni, is-soċjetajiet industrijali Ewropej tagħna tas-seklu tal-imgħoddi nbidlu f'ekonomija kumplessa ħafna tas-settur tas-servizzi, li tikkummissjoni b'mod massiv il-produzzjoni tal-prodotti industrijali tagħha, u t-tniġġis relatat, lil pajjiżi bħaċ-Ċina, l-Indja, il-Brażil u pajjiżi oħrajn li qegħdin jevolvu. Barra minn hekk, iktar u iktar aspetti tal-ħajja nbidlu f'sempliċi prodotti.

Filwaqt li l-ekonomija taġixxi b'mod globali, is-sistemi varji tas-sigurtà soċjali jibqgħu bbażati fuq livelli nazzjonali jew reġjonali. It-tnaqqis gradwali tad-dħul mit-taxxa bħala riżultat ta' kompetizzjoni tat-taxxa li tagħmel il-ħsara, il-prattika tal-evażjoni tat-taxxa korporattiva u l-eżistenza ta' pajjiżi li jintaxxaw taxxa baxxa jew saħansitra ebda taxxa, wasslu għal sistema tat-taxxa mhux ġusta u jaggravaw il-kriżi finanzjarja tas-sistemi tal-assistenza soċjali Ewropej. Il-qgħad tal-massa, l-infiq sanitarju li kulma jmur qiegħed jiżdied u l-bidla demografika wasslu sabiex il-biċċa l-kbira tas-sistema attwali tal-appoġġ soċjali bbażata fuq it-tassazzjoni tax-xogħol m'għadhiex vijabbli f'ħafna pajjiżi. Dawn l-iżviluppi jagħmluha iktar u iktar diffiċli għall-gvernijiet nazzjonali li jżommu, aħseb u ara li jtejbu, is-sistemi tas-sigurtà soċjali.

Ir-rikkezza u l-faqar qegħdin jakkumulaw f'dimensjonijiet li qatt ħadd ma ra bħalhom qabel. Il-firda soċjali bejn is-sinjuri u l-foqra, bejn individwi fis-soċjetajiet, bejn in-nisa u l-irġiel, bejn reġjuni u pajjiżi, bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar qiegħda titwessa'. Illum il-ġurnata, ir-rikkezza tal-iktar 200 ruħ sinjura fid-dinja hija ekwivalenti għad-dħul tal-ifqar żewġ biljun ruħ fuq il-pjaneta.

Il-fatt li l-bidla fil-klima qiegħda ssir iktar u iktar ta' theddida jidher b'mod drammatiku minn għadd ta' fatti li ma jistgħux jiġu miċħuda. Il-kompetizzjoni sabiex jiġu sfruttati sorsi tal-enerġija mhux rinnovabbli kulma jmur qiegħda ssir mhux biss kwistjoni kummerċjali iżda wkoll kwistjoni li tolqot b'mod sħiħ il-politika internazzjonali li qiegħda ssir ukoll theddida għall-paċi internazzjonali. Reġjuni sħaħ, jekk mhux pajjiżi, huma mhedda mil-livelli tal-ibħra li qegħdin jogħlew. Il-kriżi tal-klima hija l-iktar eżempju viżibbli ta' deterjorament ambjentali iżda l-kriżi ambjentali tinkludi wkoll it-telf tal-bijodiversità, skart eċċessiv, it-tneħħija ta' foresti, kontaminazzjoni kimika, tniġġis elettroniku, tniġġis akustiku, ħsara lill-ħamrija u tniġġis tal-ilma.

L-Analiżi mill-Ġdid ta' Stern dwar l-ispejjeż tal-Bidla fil-Klima (2006) iddeskriviet l-isfida b'mod ċar għall-aħħar. Jekk ma nagħmlux l-investimenti meħtieġa (minn 1 sa 2% tal-PDG globali) sabiex nimplimentaw l-isfidi li se jkunu meħtieġa sabiex tiġi miġġielda l-bidla fil-klima, il-konsegwenzi u l-ispejjeż ambjentali u ekonomiċi se jkunu bla preċedent u irreversibbli. Jekk ma titteħidx azzjoni dwarhom issa, dawn l-ispejjeż jistgħu fl-aħħar nett jogħlew sa 20% tal-PDG fi ftit għexieren ta' snin.

It-tkabbir ekonomiku attwali jippreżenta effett "kollaterali" serju: il-qerda tal-kapital naturali. Minkejja dan, din il-qerda ġiet identifikata bħala effett negattiv estern iżda ekonomisti prevalenti s-soltu jonqsu milli jinkorporaw dan l-intuwitu fir-rakkomandazzjonijiet politiċi li jnisslu mill-mudelli tagħhom jew f'argumenti makro ekonomiċi li jippromwovu. Is-servizzi li jitnisslu minn dan il-"kapital naturali" huma ta' benefiċċju għall-intrapriżi u xejn mhuma riflessi fl-ispiża reali tal-prodotti. L-inklużjoni sħiħa tal-qerda tal-kapital naturali fil-kalkoli tirriżulta f'ċifra ta' tkabbir tal-PDG mistqarra b'mod korrett (ibbażata fuq benefiċċji reali li jkunu nkisbu għas-soċjetà) li tkun aktar baxxa b'mod sinifikanti. Kif dikjarat fl-Evalwazzjoni tal-Millennju dwar l-Ekosistema sottomessa f'Marzu 2005 min-NU: "għadd sinifikanti ta' pajjiżi li jippreżentaw tkabbir ekonomiku pożittiv kieku fir-realtà juru tnaqqis tal-ġid tagħhom f'każ li d-degradazzjoni tar-riżorsi naturali tkun inkluża fil-kontijiet nazzjonali tagħhom".

Fiċ-ċentru tal-politika ekonomika prevalenti jinsabu l-għanijiet ta' tkabbir tal-PDG li kulma jmur jiżdied u ta' konsum għoli tal-massa. Il-Ħodor jemmnu li l-kejl tal-progress permezz ta' PDG biss li kulma jmur jiżdied huwa ta' diżgwid. Ngħidu aħna, l-għarqa tat-tanker Erika żiedet il-PDG minħabba s-salvataġġ tat-tanker u t-tindif tal-bajjiet. Bl-istess mod, l-aċċidenti ta' karozzi, id-diżastri naturali, il-mard, kollha jikkontribwixxu għall-PDG. Mill-banda l-oħra, xi attivitajiet bħal attivitajiet domestiċi, xogħol ta' kura fuq bażi volontarja u bla ħlas xejn ma jitqiesu fil-kejl ta' dan l-indiċi. Illum il-ġurnata, bi PDG globali ta' madwar 43 triljun dollaru, diġà qegħdin naffrontaw sitwazzjoni kompletament mhux sostenibbli. Kif nistgħu nimmaġinaw li bil-mudelli preżenti ta' tkabbir il-pjaneta se taffronta livell ta' PDG proġettat li jilħaq madwar erba' darbiet il-livell preżenti fl-2050 (175 triljun dollaru f'termini kostanti)? Ma jistax ikollna tkabbir bla limitu tal-PDG f'ekosistema limitata.

Ħafna mill-kwistjonijiet u mill-isfidi msemmija hawnfuq ma jistgħux jiġu solvuti minn mekkaniżmi tas-suq biss u xi kultant il-kompetizzjoni wriet li hija kontroproduttiva, l-iktar f'dak li għandu x'jaqsam ma' prodotti pubbliċi bħal ngħidu aħna l-aċċess għall-ilma. Fihom innifishom, is-swieq jinjoraw l-effetti ambjentali u soċjali tagħhom. Din in-negliġenza tirriżulta f'falliment tas-suq.

# X'inhi Ekonomija ħadra? Il-proposti tagħna

## Ekonomija Ħadra hija Ekonomija ta' Kwalitajiet Differenti

Bħala l-Ħodor, il-viżjoni tagħna tal-ekonomija hija waħda ta' struttura mħallta, li fiha tliet modi ta' produzzjoni ta' prodotti u ta' servizzi bl-użu ta' xogħol imħallas iridu jkomplu jeżistu flimkien, minħabba li kull wieħed minnhom joħloq valur: awtoritajiet pubbliċi u kumpaniji pubbliċi kontrollati; kumpaniji privati l-iktar dawk immexxija mill-profitt;

organizzazzjonijiet privati mmexxija minn għanijiet bla profitt bħal assoċjazzjonijiet, koperattivi u kumpaniji reċiproċi s-soltu magħrufin bħala l-ekonomija soċjali jew is-settur mhux għall-profitt, li huma organizzati skont prinċipji demokratiċi bħal "persuna waħda, vot wieħed". Kull settur għandu rwol x'jesegwixxi.

L-ekonomija Ewropea diġà hi ekonomija mħallta. F'xi pajjiżi Ewropej, l-ekonomija soċjali (jew is-settur mingħajr profitt) tammonta għal 10% tal-PDG u f'xi pajjiżi oħrajn, in-nefqa pubblika hija ekwivalenti għal 50% tal-PDG jew saħansitra iktar minn hekk. Għall-kuntrarju ta' dawk li jemmnu fl-ekonomija mmexxija mill-profitt, il-Ħodor ma jfittxux settur pubbliku jew mingħajr profitt sinifikanti sakemm din l-ekonomija ta' kwalitajiet differenti tkun mod effiċjenti ta' ksib tal-ogħla kwalità ta' ħajja għall-futur imbiegħed.

Il-Ħodor huma favur l-ekonomija soċjali minħabba l-potenzjal tagħha għal prattiki demokratiċi u jappoġġjaw l-iżvilupp tagħha bl-aħjar mod possibbli. Ngħidu aħna, tista' tipprovdi prodotti u servizzi fi swieq lokali, għal attivitajiet li jesiġu riżorsi kemm pubbliċi kif ukoll privati bħal fis-settur kulturali jew sanitarju, u tista' tipprovdi wkoll prodotti u servizzi li jistgħu jkunu prodotti b'mod alternattiv mis-settur privat jew pubbliku bħal enerġiji rinnovabbli lokali.

Is-settur pubbliku ovvjament huwa l-aħjar mod ta' produzzjoni ta' prodotti pubbliċi bħas-sistema tal-ġustizzja, is-sigurtà interna u esterna, l-amministrazzjoni, l-infrastruttura ... Iżda xi attivitajiet ekonomiċi jistgħu jkunu mmaniġġjati minn intrapriżi pubbliċi wkoll f'każ li l-komunità tqisha bħala l-aħjar ħaġa għal kulħadd. Il-Ħodor m'għandhomx pożizzjoni ideoloġika dwar is-sjieda ta' servizzi u industriji u soluzzjonijiet differenti se jkunu adattati għaċ-ċirkostanzi differenti ta' pajjiżi differenti. Aħna rridu aċċess ugwali u li jista' jkun affordjat, kwalità għolja tas-servizz, u l-inklużjoni tal-ispejjeż ambjentali u soċjali globali. Ninnutaw li fil-qasam tal-utilitajiet pubbliċi, m'hemm ebda evidenza empirika ċara li s-settur privat jagħti rendiment aħjar mis-settur pubbliku, li b'xi mod ikun iktar effiċjenti jew effettiv. Nemmnu wkoll li s-servizzi pubbliċi għandhom rwol partikolari x'jesegwixxu b'rabta mal-provvista ta' koeżjoni soċjali.

F'setturi oħrajn bħall-edukazzjoni jew il-kura tas-saħħa, is-settur pubbliku għandu jibqa' l-attur maġġuri minħabba li l-loġika bierda tas-suq għandha tendenza li teskludi l-ifqar persuni u li tibni iktar inugwaljanzi. Għall-bqija tal-ekonomija li ma tipprovdix "prodotti pubbliċi", is-settur privat wera li huwa effiċjenti iżda mhuwiex kapaċi li jinternalizza spiża soċjali u ambjentali reali, bħall-bidla fil-klima. Madankollu, aħna l-Ħodor nemmnu li s-settur privat jista' jservi wkoll bħala spinta 'l quddiem għall-innovazzjoni. Bħala membri f'bosta gvernijiet nazzjonali u Statali fl-Ewropa, aħna l-Ħodor urejna li t-tħaddir tal-ekonomija u l-ksib ta' vantaġġ ekonomiku fl-istess ħin m'hemmx għalfejn jibqgħu jippreżentaw kontradizzjoni. Strumenti fiskali u oħrajn legali, bħat-tariffa għall-enerġija rinnovabbli b'rati ferm ogħla minn dawk tas-suq immirati sabiex jingħelbu l-iżvantaġġi finanzjarji ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli, huma eżempju prominenti wieħed biss ta' dik l-istorja ta' suċċess.

Jeħtieġ li dan iseħħ fi ħdan qafas speċifiku sorveljat mil-liġi u mir-regolamenti. Madankollu, aħna l-Ħodor nemmnu li s-settur privat jista' jservi wkoll bħala spinta 'l quddiem għall-

innovazzjoni. Bħala membri f'bosta gvernijiet nazzjonali u Statali fl-Ewropa, aħna l-Ħodor urejna li t-tħaddir tal-ekonomija u l-ksib ta' vantaġġ ekonomiku fl-istess ħin m'hemmx għalfejn jibqgħu jippreżentaw kontradizzjoni. Strumenti fiskali u oħrajn legali, bħat-tariffa għall-enerġija rinnovabbli b'rati ferm ogħla minn dawk tas-suq immirati sabiex jingħelbu l-iżvantaġġi finanzjarji ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli, huma eżempju prominenti wieħed biss ta' dik l-istorja ta' suċċess.

Hija meħtieġa regolazzjoni xierqa tal-ekonomija internazzjonali, u din ir-regolazzjoni trid tiġi żviluppata sabiex tinżamm il-libertà ekonomika u sabiex ikun evitat li l-ekonomija internazzjonali tintuża bħala element ewlieni għal tnaqqis kontinwu mgħaġġel tal-istandards soċjali u ambjentali iktar baxxi u għal tneħħija ta' kwalunkwe vantaġġ li diġà jkun inkiseb.

## Irregolar tal-Ekonomija sabiex din issir Responsabbli

Ekonomija mmexxija mill-bidu nett b'tali mod li tipprova tikseb l-ogħla benesseri reali għall-futur imbiegħed tesiġi bosta sfidi li jħaddnu kollox b'rabta mal-governanza u r-regolazzjoni. Il-gvernijiet jeħtieġu jadottaw rwol iktar attiv, ibbażat fuq ir-rikonoxximent li huma l-korpi li għandhom l-iktar leġittimità, awtorità u mezzi b'saħħithom sabiex jipproteġu verament il-benesseri ġenerali pubbliku u d-drittijiet ta' ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni. Il-mekkaniżmi tas-suq jistgħu jissodisfaw dawk il-ħtiġijiet biss li magħhom jista' jintrabat valur monetarju, u bħala riżultat ma jistgħux jissodisfaw il-ħtiġijiet kollha tas-soċjetà, inkluż li tintlaħaq l-isfida tal-bidla fil-klima. L-ekonomija topera f'ekosistema limitata. Hija responsabiltà ta' awtoritajiet stabbli, demokratiċi u trasparenti li jistabbilixxu dawk il-limiti.

B'mod tradizzjonali, gruppi awtoritarji huma wieħed mill-ostakli ewlenin għall-ġustizzja soċjali u ambjentali u, fl-istess ħin, huma ostaklu għall-immodernizzar tal-ekonomija. Barra minn hekk, gruppi potenti korporattivi globalizzati ġodda ta' sikwit jiġu miżmuma u protetti filwaqt li l-gvernijiet jiddgħajfu permezz ta' attività qawwija ta' llobbjar u l-ksib korporattiv ta' regolazzjoni u ta' standards. Is-soluzzjonijiet tas-suq waħidhom mhumiex biżżejjed minħabba l-fatt li ma jistax ikun assunt li l-atturi jew huma infurmati b'mod sħiħ, jew inkella huma motivati minn interessi usa' milli għall-futur qarib. Għaldaqstant, wasal iż-żmien li l-gvernijiet u ċ-ċittadini jirkupraw u jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jirregolaw u jsawru l-ekonomija.

Jeħtieġ li l-gvernijiet jagħmluha ta' amministraturi, depożitarji komuni jew allokaturi tal-ġid komuni tagħna, bħal ngħidu aħna l-klima, l-atmosferma, l-oċeani, l-ilma ħelu, il-bijodiversità, l-ekosistemi, eċċ. Nemmnu li sabiex ikun evitat li dak il-ġid komuni jiġi sfruttat iżżejjed u jkun ippreservat għall-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni, ma nistgħux nippermettu li tranżazzjonijiet individwali mhux regolati jipprevalu fuqu. Hija meħtieġa regolazzjoni xierqa li tista' tinkludi sjieda pubblika tad-drittijiet tal-proprjetà rispettivi. Il-gvernijiet u l-istituzzjonijiet globali għandhom id-dmir li jiżguraw li l-għarfien u t-

teknoloġija vitali jitqassmu b'mod ġust bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar għall-benefiċċju tal-pjaneta.

Madankollu, aħna l-Ħodor nemmnu li sabiex inħaddru l-ekonomija, il-partijiet interessati kollha għandhom jesegwixxu l-irwol tagħhom. L-awtoritajiet pubbliċi jridu jistabbilixxu qafas regolatorju ġdid inklużi standards, inċentivi u taxxi. Huma għandhom jippromwovu l-innovazzjoni u jżidu l-għarfien pubbliku... Il-kumpaniji jridu joħolqu l-prodotti u s-servizzi meħtieġa sabiex ikun appoġġjat l-iżvilupp sostenibbli. Iċ-ċittadini, l-iktar bħala konsumaturi, iridu jerfgħu r-responsabiltajiet tagħhom kull meta l-imġiba tagħhom tħalli impatt fuq il-ġid komuni bħal, ngħidu aħna, meta jagħmlu l-għażliet tagħhom b'rabta mal-mobiltà, meta jagħżlu u jnaqqsu l-iskart tagħhom,... Il-kompetizzjoni tas-suq, filwaqt li mhijiex għan fiha nnifisha, tista' tkun strument li jtejjeb il-kwalità tal-provvista tas-servizz, li jiggarantixxi l-għażla tal-konsumatur, li jiżgura aċċess ġust għall-prodotti bażiċi u li jinkoraġġixxi l-innovazzjoni. Sabiex jagħmlu l-għażliet tagħhom, il-konsumaturi jeħtieġu iktar informazzjoni dwar il-mod soċjali u ambjentali li bih ikunu saru l-prodotti u s-servizzi li jikkonsmaw.

Huma essenzjali riformi fundamentali tal-ekonomija tagħna minħabba l-fatt li, anke dawk li jkunu jixtiequ jibdlu l-mod ta' għajxien tagħhom sabiex inaqqsu l-impatt tagħhom u/jew iżidu l-benesseri tagħhom, ta' sikwit isibuha diffiċli ħafna sabiex jagħmlu dan minħabba l-mod li bih topera s-soċjetà. Huma jinsabu 'maqbudin fis-sistema'. Huwa essenzjali li jsiru dawn it-tibdiliet fi ħdan l-iskadenzi stabbiliti, minħabba li t-tendenzi attwali fl-imġiba qegħdin ikomplu jsakkruna f'modi ta' għajxien li għandhom tendenza ta' konsum b'mod ħali u li dak li jkun kulma jmur, isibha iktar bi tqila sabiex ittaffi l-impatti tagħhom u jsibha iktar ta' sfida sabiex jinħeles minnhom (eżempju ovvju huwa l-avjazzjoni).

***Għaldaqstant, aħna l-Ħodor nipproponu:***

- **Riformi politiċi** mmirati lejn it-tisħiħ tal-mandat tal-gvern b'rabta mal-interess pubbliku u, għaldaqstant, l-involviment tiegħu fl-introduzzjoni tal-miżuri regolatorji neċessarji: rappreżentazzjoni proporzjonali, ugwaljanza fir-rappreżentazzjoni tas-sessi, finanzjament pubbliku tal-elezzjonijiet, sospensjoni gradwali ta' donazzjonijiet politiċi korporattivi, u restrizzjonijiet iktar stretti b'rabta mal-illobbjar u mal-fenomenu ta' 'dħul u tluq ta' personal' bejn is-settur tan-negozju u dak governattiv.

- **Regolamenti komprensivi u mfassla sew** għal proċessi u prodotti speċifiċi, immirati b'mod espliċitu lejn il-protezzjoni tal-ħaddiema, tas-saħħa u tal-ambjent mill-effetti tal-attività ekonomika li jagħmlu ħafna ħsara. Dawn għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni.

- **Sistemi iktar preċiżi tal-kontijiet u tar-responsabiltajiet** sabiex ikunu riflessi l-ispejjeż reali tal-prodotti u tal-attivitajiet. Il-politiki f'oqsma differenti u permezz ta' mezzi varji għandhom jirriflettu l-ispejjeż soċjali u ambjentali reali u spejjeż oħrajn (għall-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni) fil-prezzijiet tal-katina kollha tal-produzzjoni. B'dan il-mod, tinħoloq kompetizzjoni ġusta għall-intraprendituri sostenibbli u l-kompetizzjoni

ma tkunx ibbażata fuq il-fatt li ssir ħsara lill-ambjent u lis-soċjetà. Aħna naħsbu fi projbizzjonijiet u f'restrizzjonijiet b'rabta mal-isfruttament tar-riżorsi u mal-metodi ta' produzzjoni, fit-tassazzjoni u fil-ħtieġa li jitħallsu l-konsegwenzi tal-attività ekonomika li jkunu ta' ħsara. (ara t-taqsima "Tassazzjoni u sussidji").

- Il-mudelli tal-aħjar prattika f'bosta pajjiżi li għandhom responsabiltajiet soċjali usa', bħall-kunsilli tal-ħaddiema tal-Ġermanja, il-liġijiet dwar l-impjiegi ta' Franza u xi dmirijiet ta' aġir b'attenzjoni tal-Ġappun, għandhom ikunu integrati f'kodiċi korporattiva dwar l-istandards tal-operat għall-kumpaniji kollha li jinnegozjaw fl-UE, u d-dmirijiet statutarji tad-diretturi ta' kumpaniji privati għandhom jiġu estiżi. Il-pajjiżi Skandinavi huma eżempju dwar kif jistgħu jintlaħqu ftehimiet bejn il-gvern, junjins tax-xogħol u organizzazzjonijiet ta' min iħaddem dwar kif is-suq tax-xogħol jista' jsir wieħed flessibbli, flimkien ma' arranġamenti xierqa tas-sigurtà soċjali u investimenti fl-edukazzjoni u fl-innovazzjoni. It-tħaddim tat-tfal u kondizzjonijiet tax-xogħol ħżiena m'għandhomx ikunu tollerati. Id-diskriminazzjoni minħabba l-età u s-sess għandha tkun projbita. Is-sospensjoni tal-istatut għandha tintuża b'mod attiv bħala piena għal ksur skandaluż u persistenti tal-interess pubbliku mill-kumpaniji.

- Aħna ninkoraġġixxu negozji iżgħar, intrapriżi kummerċjali ġodda li wrew li huma l-ġeneraturi reali tal-innovazzjoni u tal-ħolqien tal-impjiegi. Għandu jkun hemm liġijiet iktar stretti dwar antimonopolju, oligopolija u konsorzji sabiex soċji korporattivi kbar jieqfu milli jagħtu ammonti kbar ta' xogħol lil xulxin. Il-ksib pubbliku għandu jinfetaħ għal kumpaniji iżgħar li jitfgħu l-offerti.

- Importanti wkoll li jinħoloq mill-ġdid kuntest ta' stennija li n-negozju għandu dmir ġenerali ta' aġir b'attenzjoni u b'responsabiltà fir-rigward tas-soċjetà u tal-ambjent b'rabta mal-attivitajiet tiegħu kollha. Għaldaqstant, huma neċessarji riformi xierqa fil-liġi tal-kumpaniji, sabiex jinstab il-bilanċ bejn id-drittijiet tal-korporazzjonijiet (ngħidu aħna, il-personalità ġuridika u r-responsabiltà limitata) u r-responsabiltajiet tagħhom fir-rigward tas-soċjetà u tal-ambjent li joperaw fihom.

- F'ħafna każijiet, it-tneħħija tar-regolamenti għamlet ħafna ħsara. Eżempju wieħed huwa l-industrija tal-finanzi, fejn qiegħed jidher biċ-ċar li t-tneħħija tar-regolamenti għal darb'oħra waslet għal inkwiet finanzjarju globali li jaffettwa lill-ekonomija reali. Il-Ħodor jemmnu li l-awtoritajiet pubbliċi għandhom jirregolaw b'mod iktar effettiv is-swieq finanzjarji.

- Il-miżuri li jinkoraġġixxu u jiffaċilitaw imġiba responsabbli minn konsumaturi individwali għandhom jinkludu, tal-anqas, restrizzjonijiet fuq ir-reklamar ta' prodotti u servizzi mhux sostenibbli (b'mod partikolari dak immirat lejn it-tfal u ż-żgħażagħ) ngħidu aħna għall-alkoħol, is-sigaretti, ... Ir-reklamar immirat lejn it-tfal u ż-żgħażagħ għandu jkun regolat ukoll sabiex jitnaqqsu kemm jista' jkun possibbli l-ħolqien ta' xewqat artifiċjali u konsum eċċessiv mhux sostenibbli. Fl-istess ħin, l-informazzjoni dwar il-katini ta' provvista tal-prodotti għandha tkun disponibbli b'mod iktar liberu, ngħidu aħna s-sors, l-impatti u d-distanza koperta, sabiex l-individwi jkunu jistgħu

jieħdu deċiżjonijiet infurmati kif xieraq dwar l-akkwist.

- Se jsir studju dwar l-"Att Komunitarju ta' Investiment mill-Ġdid tal-Kungress tal-Istati Uniti tal-Amerka" sabiex tkun evalwata l-effikaċja tiegħu bħala strument tal-ekonomiji ħodor.

## Definizzjoni mill-ġdid tat-tkabbir ekonomiku

Aħna l-Ħodor ninsabu favur it-tkabbir ekonomiku kwalitattiv li jwassal għal ħajja ta' kwalità aħjar u għal soċjetà ġusta b'mod soċjali u sostenibbli b'mod ambjentali.

Nirrikonoxxu li t-tkabbir ekonomiku bbażat fuq il-konsum bla tmiem tar-riżorsi naturali la huwa possibbli lanqas mhuwa mixtieq fuq pjaneta limitata. Għaldaqstant, tkabbir ekonomiku f'sens aħdar ifisser żieda fl-attività ekonomika li ġġib magħha żidiet ġenwini u ġusti fil-benesseri u ma tirriżultax fit-tnaqqis tar-riżorsi naturali. L-alternattiva ħadra hija li jkun żgurat li t-tkabbir ekonomiku jkun jista' jiġi separat mill-isfruttament ta' materjal mhux proċessat u li tinħoloq enerġija li żżid fil-valur miżjud permezz tal-innovazzjoni u tal-għarfien u tal-effiċjenza tal-enerġija. L-ammont assolut ta' materjal mhux proċessat li jiġi kkonsmat u l-livell tal-emissjonijiet u tal-iskart għandhom jitnaqqsu b'mod drastiku għal livell li jista' jiġi sostnut mid-dinja. Fl-istess ħin, aħna napprovaw il-prinċipju ta' moviment lejn drittijiet indaqs għal kull bniedem f'dak li għandu x'jaqsam mar-riżorsi, u kieku nużaw oqfsa bbażati fuq dak il-prinċipju bħala gwida għall-approċċ tagħna b'rabta ma' sfidi globali bħall-bidla fil-klima. Mhux biżżejjed li jsir titjib fil-produttività tar-riżorsi biss; it-tendenzi ta' konsum għandhom jirriflettu l-isfidi soċjali u ambjentali li qegħdin naffrontaw fuq din il-pjaneta.

In-nies li jgħixu fil-pajjiżi foqra u f'dawk li qegħdin jiżviluppaw għandhom dritt indaqs li jiksbu l-ogħla standards tal-kwalità ta' ħajja. Bl-istess mod, irridu niżguraw li aħna u nissodisfaw il-ħtiġijiet tal-ġenerazzjoni preżenti, ma nikkompromettux il-libertà tal-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni li jagħmlu l-għażliet ekonomiċi tagħhom (huma u jiddeċiedu x'jista' jiġi prodott u kif dan jista' jiġi prodott u kkonsmat).

Minħabba li rridu nibdlu t-tifsira tat-tkabbir, qegħdin nipproponu li nibdlu l-mod li bih aħna nkejlu tali tkabbir. Il-prodott domestiku gross (PDG) bħala indikatur għandu jiġi rivedut b'mod kritiku u għandu jinkludi fatturi bħat-tnaqqis tal-assi naturali, l-ispejjeż tal-mard, l-impatt tat-tiċħid soċjali u l-impatt ta' katastrofi magħmulin mill-bniedem... Għall-Ħodor, minħabba li jkejjel l-attività ekonomika biss, il-PDG huwa sempliċi wieħed mill-indikaturi li jeħtieġ li jitqies. Irid jiġi komplementat minn indikaturi alternattivi li jkejlu l-benesseri tas-soċjetà, bħal indikaturi dwar il-ħila li wieħed ikun jaf jaqra u jikteb, il-medja tal-għomor tal-ħajja, l-ugwaljanza tas-sessi, xogħol imħallas u mhux imħallas, l-aċċess għall-

kura tas-saħħa, għall-edukazzjoni, għall-ilma nadif eċċ. Nixtiequ li tali indiċijiet (l-Indiċi tan-NU dwar l-Iżvilupp tal-Bniedem, l-Indiċi tal-Ġid Ekonomiku Sostenibbli, l-Indikatur Ġenwin tal-Progress, l-impatt ekoloġiku...) li diġà qegħdin jintużaw, iservu ta' gwida għat-tfassil tal-politika.

Aħna l-Ħodor nemmnu li, il-Patt tal-UE dwar l-Istabiltà u t-Tkabbir għandu jiġi sostitwit minn wieħed li jqis ukoll l-objettivi tal-iżvilupp sostenibbli li aħna nixtiequ nqiegħdu fiċ-ċentru tal-istrateġija tal-UE. B'mod konkret, għandu jinkludi miri li jorbtu f'termini tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, tar-rati tal-impjieg, tal-livelli tal-faqar fost it-tfal u tal-livell tat-tnaqqis tal-kapital naturali... Fil-livell tal-UE u ta' kull Stat Membru individwali, għandu jitqiegħed fis-seħħ baġit ambjentali u soċjali b'mekkaniżmu ta' sanzjoni li jista' jitqabbel ma' dak tal-Patt dwar l-Istabiltà u t-Tkabbir.

Il-Baġit Ewropew bħalissa jinsab limitat għal 1% tal-PNG. Madankollu, jeħtieġ sforz magħmul flimkien sabiex inaqqas l-impatt ekoloġiku. Dan jesiġi fondi pubbliċi, garantiti mill-BEI minħabba li ħafna minn dawn l-investimenti mhumiex vantaġġużi għall-futur qarib. Aħna l-Ħodor ninsabu favur kemm taż-żieda kif ukoll tal-bilanċjar mill-ġdid ta' dan il-baġit, sabiex l-Unjoni Ewropea tingħata l-mezzi biex tkun tista' tegħleb l-isfidi l-ġodda li qiegħda taffronta.

Il-politika monetarja mill-Bank Ċentrali Ewropew u mill-Grupp tal-Ewro trid tiġi integrata aħjar u trid tkun koerenti mal-politika ekonomika tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li tirrifletti l-objettivi msemmija hawnfuq.

Bħalissa, f'iktar pajjiżi żviluppati, ta' sikwit it-tħassib dwar it-tkabbir ekonomiku u ċ-ċifri tal-PDG tagħhom jikkawża lill-gvernijiet li jevitaw milli jimplimentaw it-tibdiliet meħtieġa sabiex ikun żgurat żvilupp sostenibbli b'mod ġenwin. Ir-rikonoxximent espliċitu, li t-tkabbir tal-PDG ma jfissirx b'mod awtomatiku tkabbir tal-benesseri u li prijoritajiet oħrajn għandhom jitkejlu u jingħataw iktar importanza minn objettivi ekonomiċi, għandu jkun pass ewlieni lejn il-liberar tal-gvernijiet li jqiegħdu fis-seħħ il-miżuri stabbiliti fit-taqsima "Irregolar tal-ekonomija sabiex din issir responsabbli".

## Ugwaljanza tas-Sessi

Mad-dinja kollha, in-nisa jaqilgħu anqas flus mill-irġiel għall-istess xogħol, huma nieqsa mill-aċċess għall-artijiet u l-kreditu, u jagħtu sehem ikbar milli suppost jagħtu fil-kura tat-tfal u tal-anzjani, f'xogħol fuq bażi volontarja, u f'xogħol ieħor mhux imħallas. Mad-dinja kollha, il-biċċa l-kbira tan-nies foqra huma nisa. Teżisti evidenza li dan il-preġudizzju tas-sessi fil-fatt irażżan l-attività ekonomika. Ninnutaw li l-moviment ta' mikrofinanzjament ta lil bosta miljuni ta' nisa spinta ekonomika siewja.

Irridu ninfurzaw il-miżuri sabiex nilħqu aċċess indaqs għan-nisa f'dak li għandu x'jaqsam mas-suq tax-xogħol, mal-immaniġġjar ta' negozju u mal-livelli kollha ta' karigi. Għaldaqstant, il-Ħodor jappoġġjaw bis-sħiħ politika mmirata b'mod speċifiku lejn il-parteċipazzjoni tan-nisa u s-suċċess tagħhom fil-qasam ekonomiku, ngħidu aħna kura tat-tfal tajba u li tista' tkun affordjata, lif abbondanti għall-ġenituri, konċessjonijiet tat-tqala għal intraprendituri nisa, miżuri li jippromwovu l-bilanċ tas-sessi fis-setturi kollha bħall-kwoti għan-nisa fil-bordijiet ta' korporazzjonijiet. Il-Ħodor iridu li jkun hemm ugwaljanza tas-sessi b'mod ġenerali u fis-suq tax-xogħol b'mod partikolari (ara l-Politiki Ħodor dwar l-Impjieg hawntaħt).

## Ugwaljanza tal-Ġenerazzjonijiet

Il-ġustizzja soċjali u ambjentali għandha titqies mhux biss f'termini tas-solidarjetà bejn in-nies li jinsabu ħajjin fil-preżent, iżda wkoll f'termini tas-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet. Il-Partit Aħdar Ewropew jemmen li l-bnedmin li jinsabu ħajjin fil-preżent għandhom responsabiltajiet lejn il-ġenerazzjonijiet li ġejjin. Din hija waħda mill-bażijiet tal-konċett tagħna tal-iżvilupp sostenibbli. F'dan ir-rigward, il-Ħodor iridu jagħtu spinta 'l quddiem lill-innovazzjoni u lil modi ta' għajxien alternattivi sabiex iħejju ġejjieni aħjar għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin u jnaqqsu d-dejn ambjentali li se jkollu jitħallas minnhom stess.

Il-Ħodor iridu jiġġieldu t-tendenza li "tingħata prijorità lill-benefiċċji għall-futur qarib" li hija prevalenti fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tas-setturi kemm privati kif ukoll pubbliċi. L-ambizzjoni ta' korporazzjonijiet li jiksbu qligħ kull tliet xhur, l-ambizzjoni li l-fondi tal-pensjonijiet jiġġeneraw profitt għall-futur qarib jew il-fatt li l-gvernijiet jillimitaw il-firxa ta' kompetenza tagħhom skont ċikli elettorali, ma jwasslux għal strateġiji sostenibbli. Aħna rridu investimenti li jġibu magħhom benefiċċji għall-futur imbiegħed. Aħna l-Ħodor dejjem infittxu li napplikaw il-prinċipju ta' prekawzjoni. M'aħniex se nappoġġjaw miżuri li jippreżentaw theddid potenzjali għal saħħet il-bniedem jew għall-benesseri ambjentali. Lanqas m'aħna se naċċettaw dewmien fl-implimentazzjoni ta' miżuri ġodda ta' prekawzjoni abbażi tal-fatt biss li l-istudji xjentifiċi mhumiex numerużi biżżejjed. Irridu politiki li jħarsu 'l quddiem u li jġibu magħhom ambjent regolatorju, fiskali u ekonomiku stabbli sabiex ikunu adottati innovazzjoni u ħolqien tal-impjiegi ħodor. Jeħtieġ ukoll li jsir moviment lejn it-tendenza li "tingħata prijorità lill-benefiċċji għall-futur imbiegħed" sabiex tkun garantita l-vijabiltà ta' skemi tal-pensjonijiet fil-ġejjieni f'soċjetà li kulma jmur qiegħda tixjiħ.

***Għaldaqstant, aħna l-Ħodor nipproponu:***

- Pjan ta' ekoinvestiment fuq skala kbira għat-teknoloġiji sostenibbli tal-ġejjieni. Bis-saħħa tad-daqs tal-ekonomija tagħha, l-UE għandha l-potenzjal li tidderiġi din it-

trasformazzjoni. Trid tqanqal l-investiment fir-riċerka, fl-iżvilupp u fl-intraprenditorija f'setturi "ekoprosperi" bħal ngħidu aħna l-kostruzzjoni u d-djar sostenibbli, il-kimika industrijali ħadra, l-enerġija rinnovabbli, l-agrikoltura sostenibbli, il-mobiltà ekoloġika, il-komunikazzjoni elettronika, eċċ.

- Sabiex innaqqsu d-dejn ambjentali, nipproponu evalwazzjoni preliminari, obbligatorja u sistematika tas-sostenibiltà tal-impatt ambjentali u soċjali ta' deċiżjonijiet pubbliċi; standards ambjentali u soċjali sistematiċi fil-qasam tal-ksib pubbliku; pjan ambizzjuż tal-investiment għar-rinnovament ta' djar; tassazzjoni ħadra fis-settur tat-trasport, eċċ.;

- Filwaqt li kollha huma relatati mal-fondi tal-pensjonijiet, proporzjon kbir minnhom bħalissa qegħdin jintużaw għal spekulazzjoni u investiment f'attivitajiet irresponsabbli b'mod soċjali; il-Ħodor iridu miżuri mandatarji li jorjentaw mill-ġdid l-investimenti tagħhom lejn l-iżvilupp sostenibbli u attivitajiet responsabbli b'mod soċjali.

- Rigward it-taxxi fuq il-wirt u d-donazzjonijiet, il-Ħodor jemmnu li l-objettiv ewlieni tagħhom għandu jkun li jibdlu u jipprevienu l-akkumulazzjoni mhux ġusta tal-ġid u tal-poter. Għandhom jitfasslu b'tali mod li jqassmu mill-ġdid il-ġid u jżidu l-ugwaljanza tal-opportunitajiet. Għandhom ikunu kkalkulati fuq "bażi tal-persuna li tirċievi" (jiġifieri b'referenza għaċ-ċirkostanzi tal-persuna li tirċievi l-wirt milli tad-donatur). Għandhom ikunu estiżi wkoll sabiex jinkludu donazzjonijiet li jkunu saru matul ħajjet id-donatur, milli dawk biss li jkunu ngħataw bħala wirt mal-mewt tad-donatur.

## Ugwaljanza tan-Nazzjonijiet

Minħabba għexieren ta' snin ta' twemmin, fost dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, fl-awtoregolazzjoni tas-swieq, u nuqqas sussegwenti ta' regolazzjoni ekonomika internazzjonali effettiva, il-globalizzazzjoni wasslet għal żieda ikbar fil-firda tar-rikkezza bejn in-nazzjonijiet u fihom. Dan il-fatt huwa ta' theddida għall-paċi u l-istabiltà globali. Filwaqt li xi pajjiżi rnexxielhom jeħilsu lil ħafna nies mill-faqar, oħrajn, b'mod partikolari fl-Afrika, jispiċċaw iktar mgħaddsin fih. Filwaqt li l-ekonomisti jfaħħru l-effetti ta' effiċjenza tal-globalizzazzjoni ekonomika, riflessi fiż-żieda fl-għadd tal-PDG globali, jonqsu milli jsemmu li din ma tipproduċix struttura soċjali b'saħħitha, li mingħajrha mhux possibbli li jseħħ żvilupp globali sostenibbli.

F'dan il-kuntest, l-UE għandha rwol tal-akbar importanza li ddaħħal mill-ġdid is-soċjetà bħala Stat organizzat fl-ekonomija. L-UE saret l-ikbar poter ekonomiku dinji. L-Ewro tikkompeti mad-Dollaru Amerikan bħala l-munita ta' riserva fil-kummerċ dinji. Id-deċiżjonijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew, tal-Kunsill Ewropew jew tal-Kummissjoni

Ewropea jiddeċiedu dwar il-modi ta' għajxien ta' miljuni ta' nies barra mill-UE. Permezz tat-Trattat ta’ Lisbona tal-UE, il-Parlament Ewropew jikseb setgħat ta’ kodeċiżjoni fil-politika tal-UE dwar il-kummerċ. L-UE llum il-ġurnata hija attur estremament sinifikanti, u l-politika ekonomika tagħha għandha r-responsabiltà li tifrex id-direzzjoni t-tajba li twassal għal bidla lilhinn mill-mogħdija perikoluża attwali tal-globalizzazzjoni ekonomika.

Il-Partit Aħdar Ewropew huwa ggwidat mit-twemmin ta’ għoti ta’ setgħa lin-nies. Dan ifisser li jeħtieġ li jkunu jeżistu strutturi li jippermettu lin-nies li jipparteċipaw fl-ekonomija bil-mod li jagħżlu huma stess. Sabiex tinkiseb tali libertà, huwa neċessarju li jkun jista’ jsir teħid ta’ deċiżjonijiet fuq livell lokali jew reġjonali dwar il-politika ekonomika, mhux sabiex jiġu sostitwiti strutturi internazzjonali fejn dawn huma adattati, iżda sabiex ikunu provduti opportunitajiet għall-parteċipazzjoni, l-ekonomija ssir iktar stabbli u l-proċessi ekonomiċi u l-effetti tagħhom isiru iktar viżibbli u iktar differenti fejn dan ikun possibbli u utli.

Il-livell xieraq u l-istruttura ġeografika tal-produzzjoni u tal-kummerċ huma kwistjoni kumplessa. Ċerti prodotti jesiġu skala globali sabiex ikunu jistgħu jiġu manifatturati b’mod ekonomiku, filwaqt li għal oħrajn, il-produzzjoni ssir b’mod mill-iktar effiċjenti fuq livell iktar reġjonali jew lokali. Parti kbira mill-kummerċ globali tikkawża ħsara lill-ambjent u ma toħloqx valur ġenwin fl-ebda post, minħabba li ħafna prodotti forniti b’mod globali jirriflettu biss differenzjali ta’ prattiki ta’ *dumping* soċjali u ambjentali fost il-pajjiżi. L-iżvilupp sostenibbli jesiġi tnaqqis drastiku fil-kummerċ li jikkawża ħsara lill-ambjent, filwaqt li jitqies l-impatt ekoloġiku totali, li għandu jiġi rifless fil-prezzijiet. Għaldaqstant, neħtieġu qafas regolatorju internazzjonali li jqiegħed fis-seħħ standards globali tal-iżvilupp sostenibbli. Dawn għandhom jiżguraw kompetizzjoni ġusta permezz ta’ kondizzjonijiet ugwali għall-parteċipanti kollha tas-suq u din tista’ tinkiseb biss jekk l-atturi tas-suq ikunu prevenuti milli jisfruttaw il-ġid komuni sabiex jieħdu vantaġġ kompetittiv individwali għalihom stess.

Dan il-qafas regolatorju għandu jirrispetta l-prinċipju ta’ responsabiltajiet komuni iżda divrenzjati mid-Dikjarazzjoni ta’ Rio de Janeiro tal-1992 ippreżentata fil-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp. Minħabba li l-pajjiżi industrijalizzati huma fil-biċċa l-kbira responsabbli mid-degradazzjoni ambjentali u mit-tnaqqis tar-riżorsi naturali, dawn għandhom jieħdu l-iktar impenji stretti, filwaqt li fl-istess ħin jgħinu lill-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw sabiex maż-żmien jikkonformaw mal-istandards globali. L-UE għandha żżomm l-aċċess bla dazju li hija stess ikkonċediet għall-importazzjonijiet mill-anqas 49 nazzjon żviluppat (l-inizjattiva msejħa ‘Kollox Minbarra l-Armi’) u żżid l-għajnuna tagħha, inkluż it-trasferiment tat-teknoloġija, sabiex tgħinhom jiżviluppaw l-ekonomiji tagħhom b’mod sostenibbli.

***Għaldaqstant, aħna l-Ħodor nipproponu:***

- Li r-regoli tal-kummerċ internazzjonali għandhom jippermettu l-kostituzzjoni ta' zoni ekonomiċi reġjonali-kontinentali. Dawn għandhom jitbiddlu sabiex jiffaċilitaw il-bini ta’ industriji effiċjenti u kompetittivi reġjonali jew saħansitra lokali billi jkun adottat forniment lokali tar-riżorsi u tingħata iktar libertà lill-gvernijiet lokali,

reġjonali u nazzjonali fil-qasam tal-ksib pubbliku.

- Li l-brevetti ta' ditti privati li huma kruċjali sabiex jiġu miġġielda l-mard globali u l-bidla fil-klima għandhom ikunu suġġetti għal liċenzjar mandatarju filwaqt li jitqiesu l-ispejjeż li jsiru sabiex dawn jiġu żviluppati. Dan il-fattur jgħin ukoll sabiex teknoloġiji u prodotti tal-iżvilupp sostenibbli jinfirxu mad-dinja kollha b'mod iktar mgħaġġel.

- Li l-politiki tal-iżvilupp li jorbtu l-għajnuna mal-kummerċ ħieles għandhom jiġu sostitwiti bi programmi mmirati li jżommu l-valur miżjud b'mod lokali, billi jappoġġjaw infrastrutturi bażiċi tal-edukazzjoni u tas-saħħa, u billi jippreservaw spazju politiku għall-komunitajiet sabiex jiddeċiedu huma stess dwar il-mod speċifiku tagħhom stess sabiex bih jiksbu l-iżvilupp sostenibbli.

- Li l-pajjiżi donaturi jżidu b'mod sostanzjali l-flussi tal-għajnuna tagħhom għal għajnuna multilaterali u bilaterali li tista' tkun ipprogrammata għall-anqas għal 0.7% tal-PDG, l-iktar għall-pajjiżi l-anqas żviluppati, sabiex il-pajjiżi kollha jkunu jistgħu jilħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju sal-2015, b'mod partikolari t-tnaqqis bin-nofs tal-livelli tal-faqar tal-popolazzjonijiet tagħhom, l-edukazzjoni primarja għas-subien u l-bniet kollha, u l-aċċess universali għas-saħħa u għall-ilma nadif tax-xorb. B'mod speċifiku, l-Istati Membri kollha tal-UE finalment għandhom iwettqu l-wegħdiet tagħhom u jipprattikaw dak li jippriedkaw.

- Filwaqt li tkun komplementata l-għajnuna nazzjonali u multilaterali, għandu jkun stabbilit fond globali tan-NU sabiex jingħabar dħul kemm mit-tassazzjoni tal-"ħażin" pubbliku globali, bħat-tniġġis ambjentali transkonfinali (ngħidu aħna, taxxa globali fuq il-biljetti tal-ajru), tal-ispekulazzjoni finanzjarja (permezz ta' taxxa tat-tip Tobin/Spahn fuq l-ispekulazzjoni) kif ukoll mill-ħlasijiet tal-utenti għall-isfruttament ta' riżorsi li jinsabu f'ibħra internazzjonali.

- Tħassir b'mod sħiħ tad-dejn pubbliku kollu tal-ifqar pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw.

- Li r-regoli tal-kummerċ internazzjonali, kif inkorporati minn Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (ODK) riformata b'mod sinifikanti, għandhom isiru b'mod ġust u għandhom ikunu suġġetti għall-għanijiet ogħla ta' żvilupp globali verament sostenibbli (inklużi d-drittijiet soċjali, is-sostenibiltà ambjentali u l-protezzjoni tal-konsumatur). Għaldaqstant, il-Hodor isostnu li:

    - Il-Ftehimiet Internazzjonali dwar Prodotti li jistabbilizzaw il-prezzijiet tal-prodotti agrikoli tal-esportazzjoni l-iktar volatili, jiggarantixxu profitt ġust u stabbli l-iktar lill-produtturi ż-żgħar, u jinvolvu lill-produtturi u lill-konsumaturi tul il-katina kollha ta' provvista.

    - L-importazzjonijiet fl-UE minn pajjiżi li ma jkunux irratifikaw ftehimiet internazzjonali dwar il-klima jew li ma jkunux jikkonformaw magħhom jew li ma

jkunux implimentaw l-istandards ewlenin tax-xogħol tal-ILO għandhom ikunu suġġetti għal aġġustamenti fit-taxxi konfinali sabiex terġa' tiddaħħal kompetizzjoni ġusta.

- Prodotti tal-Kummerċ Ġust ċertifikati b'mod internazzjonali jingħataw opportunità reali fis-swieq tal-UE, billi entitajiet pubbliċi jkunu obbligati li jiddiskriminaw b'mod pożittiv favur prodotti tal-Kummerċ Ġust fil-politiki ta' ksib tagħhom, billi tali prodotti jiġu eżentati mit-tariffi fil-fruntieri tal-UE, u billi bejjiegħa kbar bl-imnut jintalbu joffru prodotti tal-Kummerċ Ġust fil-ħwienet tagħhom.

- L-ODK issir marbuta iktar mill-qrib ma' sistema riformata u demokratizzata tan-NU, li fiha għanijiet internazzjonali ta' ekwità jingħataw l-ogħla prijorità fil-Kunsill tan-NU għas-Sigurtà Ekonomika. Bl-istess mod, li l-Bank Dinji u l-Fond Monetarju Internazzjonali (IMF) ikunu riformati b'rabta mal-proċessi tagħhom ta' teħid ta' deċiżjonijiet sabiex jirriflettu b'mod xieraq l-ilħna tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw u għandhom jirrapportaw lil dan il-Kunsill tan-NU għas-Sigurtà Ekonomika.

## Politiki ħodor dwar l-impjieg: lejn attività sħiħa

Aħna l-Hodor nemmnu li ekonomija tista' tirnexxi biss jekk tkun tista' timmobilizza l-enerġija u l-kreattività taċ-ċittadini b'rabta mal-ħolqien ta' valur sostenibbli, għalihom infushom u għas-soċjetà li jagħmlu parti minnha. Din il-mobilizzazzjoni ma tistax tinkiseb biss billi s-suq jitħalla jaħdem; tesiġi involviment attiv tal-awtoritajiet pubbliċi.

Il-ħolqien ta' valur, fis-sens aħdar tal-kelma, mhuwiex marbut biss mal-akkumulazzjoni tal-ġid materjali jew mal-attivitajiet tas-suq: attivitajiet kulturali, politiċi, artistiċi, edukattivi u xjentifiċi, il-kura tal-familja, kollha jikkontribwixxu għall-benesseri komuni. U mhux l-attivitajiet kollha li jappoġġjaw dan il-ħolqien ta' valur neċessarjament jitħallsu; ħafna minnhom huma volontarji u l-Hodor jappoġġjaw dan; madankollu, kollha għandhom jiġu rikonoxxuti u mogħtija mis-soċjetà (filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu l-firda kbira bejn is-sessi kemm fit-tqassim ta' xogħol imħallas u mhux imħallas kif ukoll fil-valur ekonomiku ta' tipi differenti ta' xogħol b'mod ġenerali). Bħala konsegwenza, l-attività ta' persuna waħda tista' tieħu għamliet varji matul ħajjitha. Bħalissa, l-iktar attività rikonoxxuta hija dik ta' xogħol imħallas fi kwalunkwe settur tal-ekonomija (ara hawnfuq); iżda li wieħed jeduka ruħu, li wieħed jieħu ħsieb it-tfal jew il-qraba, li wieħed jiddedika ħin lill-komunità huma wkoll uħud mill-modi, fost oħrajn, li wieħed jista' jagħżel minnhom, f'ċerti perjodi ta' ħajtu, sabiex jagħti kontribut lis-soċjetà. Aħna l-Hodor tassew nappoġġjaw l-objettiv ta' "impjieg sħiħ" għal dawk li jfittxu xogħol imħallas; iżda għalina, dak l-objettiv għandu jiġi estiż għal wieħed ta' "attività sħiħa".

Il-Ħodor jirrikonoxxu li d-drittijiet tan-nies iġibu magħhom ċerti responsabiltajiet. Dan il-fatt b'xi mod jiddefinixxi mill-ġdid ir-responsabiltajiet tal-atturi ekonomiċi kollha konċernati:

- Għas-soċjetà sabiex toħloq il-kondizzjonijiet li jippermettu li jkun żviluppat u premjat il-potenzjal sħiħ ta' kulħadd fi ħdan il-perspettiva ta' "attività sħiħa";
- Għal dawk kollha li jħaddmu sabiex effettivament jimplimentaw dawn il-kondizzjonijiet u jieħdu vantaġġ minnhom mingħajr biża' ta' diskriminazzjoni;
- Għall-individwi sabiex jieħdu vantaġġ b'mod attiv mill-opportunitajiet offruti u jiżguraw li jagħtu kontribut lis-soċjetà kollha. Madankollu, aħna nirrikonoxxu li fis-soċjetajiet tagħna, għadd ta' ħaddiema prekarji u fuq kuntratti li kulma jmur qiegħed jikber tassew jagħtu kontribut iżda qegħdin jiġu esklużi mill-benefiċċji u mid-drittijiet soċjali, l-iktar fejn jidħlu n-nisa. Barra minn hekk, jeżistu ċittadini li għal xi raġuni jew oħra (mard, vizzju, diżabiltà ...) ma jistgħux jagħtu kontribut; dawn tassew jeħtieġu u jixirqilhom li jingħataw appoġġ xieraq mis-soċjetà.

Il-konċett li jgħaqqad flimkien il-flessibiltà mas-sigurtà huwa wieħed tassew aħdar għall-aħħar. Madankollu, it-terminu "flessigurtà" intuża wisq ta' sikwit bħala pretensjoni għal flessibiltà u tneħħija ta' regolamenti bla rażan. Filwaqt li l-flessibiltà hija importanti sabiex is-soċjetajiet u l-ekonomiji tagħna jkunu jistgħu jwieġbu għall-isfidi ta' dinja li qiegħda tinbidel, l-Istat għandu r-responsabiltà li jipproteġi lin-nies mill-impatt ta' fluttwazzjonijiet ekonomiċi u li jiggarantixxi livell għoli ta' standards soċjali u ta' kondizzjonijiet tax-xogħol. Għaldaqstant, għall-Ħodor, is-sigurtà mhijiex anqas importanti mill-flessibiltà. Għall-Ħodor, strument ewlieni sabiex ikun garantit il-bilanċ ġust bejn dawn l-objettivi huwa djalogu istituzzjonalizzat u b'saħħtu bejn l-imsieħba soċjali, li jirrappreżentaw liċ-ċittadini fil-post tax-xogħol u lil dawk li jħaddmu. Dan ikollu rwol ewlieni x'jesegwixxi fit-tfassil tar-regoli u tal-istrumenti (il-kondizzjonijiet fil-kuntratti tax-xogħol, il-pagi, il-benefiċċji...) tas-suq tax-xogħol. Il-Ħodor jinsabu kontra l-estensjoni tal-prinċipju tal-Pajjiż tal-Oriġini għad-drittijiet soċjali (is-sigurtà, is-saħħa, il-protezzjoni soċjali, il-pagi) sabiex ikun prevenut *dumping* soċjali.

***B'mod konkret, fil-qasam tas-suq tax-xogħol, aħna l-Ħodor nipproponu***

- Li l-ambjent legali jiżgura li t-tipi rikonoxxuti kollha ta' attività jagħtu kontribut fil-bini tad-dritt ta' persuna għall-benefiċċji soċjali (is-saħħa, il-qgħad, il-pensjoni, il-lif għall-ġenituri, il-kura tat-tfal, id-diżabiltà...) u jippermetti b'mod effettiv għal flessibiltà awtodeterminata minn tip wieħed ta' attività għal ieħor.

- Li d-dispożizzjonijiet relatati mal-ħin tax-xogħol għandhom jippermettu li ċ-ċittadini jkollhom biżżejjed ħin sabiex jiżviluppaw attivitajiet barra mill-impjieg tagħhom u jkunu organizzati b'tali mod li jilħqu l-ogħla impatt tagħhom f'termini tal-ħolqien ta' impjiegi. Għaldaqstant, il-Ħodor jappoġġjaw it-tipi ta' miżuri kollettivi u/jew individwali kollha għat-tnaqqis tal-ħin tax-xogħol fuq bażi volontarja, filwaqt li jqisu l-iżviluppi fil-produttività tax-xogħol, kemm fl-Unjoni kif ukoll lilhinn minnha.

Rigward il-firda tas-sessi fit-tqassim tax-xogħol fuq bażi *part-time* (il-biċċa l-kbira tal-ħaddiema fuq bażi *part-time* huma nisa), il-Ħodor jappoġġjaw miżuri li jinkoraġġixxu lill-irġiel sabiex inaqqsu l-ħin tax-xogħol tagħhom.

- Li l-ambjent legali jipprovdi għal inċentivi reali b'rabta mal-attività. Dan ifisser li t-tassazzjoni trid titneħħa minn fuq ix-xogħol (ara hawntaħt) u tinbidel f'waħda fuq il-kapital u l-enerġija sabiex dawk li jħaddmu jkunu inkoraġġiti joħolqu l-impjiegi u jiffrankaw l-enerġija; iżda wkoll li, l-għażla ta' kumpens għall-qgħad u ta' inċentivi tkun tali mod li wieħed dejjem ikun jaqbillu b'mod finanzjarju li jsib xogħol jew attività siewja. Dawn l-inċentivi għandhom jiġu implimentati b'mod parallel ma' żieda fil-konċessjonijiet bażiċi sabiex ma jitħallewx barra dawk li ma jistgħux jaħdmu jew dawk li ma jistgħux isibu impjieg fis-suq.

- Li l-ugwaljanza tas-sessi ssir realtà fis-suq tax-xogħol. Din b'mod konkret tfisser ugwaljanza, l-iktar f'dak li għandu x'jaqsam mal-benefiċċji ta' kumpens u għall-ħaddiema u wkoll mal-għażla ta' kandidati, mas-sigurtà tal-impjiegi. Din tinkludi wkoll miżuri speċifiċi, ngħidu aħna, faċilitajiet għall-kura tat-tfal, miżuri sabiex ikun faċilitat ir-ritorn għax-xogħol wara l-lif li jingħata lill-ġenituri u sabiex l-irġiel ikunu inkoraġġiti jagħmlu x-xogħol tad-dar.

- Li jittieħdu miżuri konkreti sabiex tkun promossa parteċipazzjoni ugwali tal-migranti fis-suq tax-xogħol.

- Li, sabiex tkun stimulata l-intraprenditorija, persuni li jaħdmu għal rashom jingħataw l-opportunità li jipparteċipaw f'arranġamenti tas-sigurtà soċjali (ngħidu aħna, il-qgħad, il-pensjonijiet, il-lif għall-ġenituri, konċessjoni għad-diżabiltà, eċċ.), ibbażati fuq kontribuzzjonijiet xierqa.

- Li l-edukazzjoni u t-taħriġ jingħataw prijorità miżjuda fil-politiki pubbliċi filwaqt li jkun żgurat li kull individwu jkollu l-opportunità li jiżviluppa b'mod sħiħ l-abiltajiet tiegħu. F'termini assoluti dan ifisser żieda fil-baġits għall-edukazzjoni, iżda wkoll leġiżlazzjoni xierqa li tippermetti lill-individwi li jkomplu jistudjaw matul ħajjithom kollha (ngħidu aħna, appoġġ għal skemi ta' edukazzjoni tul il-ħajja, flessibiltà li wieħed jieħu perjodi ta' lif sabbatiċi tul il-karriera tiegħu, l-obbligu li dawk li jħaddmu jipprovdu għall-edukazzjoni mħallsa jew jippermettuha, ...)

- Li l-awtoritajiet pubbliċi jappoġġjaw b'mod attiv lil nies qiegħda fuq bażi individwali, filwaqt li jipprovdu għajnuna għas-sejbien ta' attività (impjieg, taħriġ, eċċ.) li tissodisfa l-aspirazzjonijiet u l-ħtiġijiet tagħhom u li tippermettilhom li joħolqu valur għas-soċjetà. F'termini konkreti, dan ifisser livelli xierqa ta' staff u mezzi finanzjarji li jippermettu li tingħata din l-għajnuna individwali.

- Li tkun implimentata paga minima f'kull pajjiż tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li jitħalla lok għal differenzi fil-paga, ngħidu aħna, fuq bażi settorjali jew ġeografika.

- Il-Kunsilli Ewropej tax-Xogħol għandhom ikollhom kompetenzi estiżi kif dikjarat mill-ETUC.

- Li l-infurzar tal-liġi tax-xogħol jingħata prijorità miżjuda sabiex ikun żgurat li x-xogħol tas-suq iswed – li bosta setturi saru dipendenti ħafna fuqu, ngħidu aħna, il-kura għall-anzjani - jiġi miġġieled b'mod effettiv, filwaqt li l-mira tkun fuq dawk li jħaddmu b'mod illegali li għandhom jinżammu responsabbli mid-drittijiet tax-xogħol tal-ħaddiema tagħhom. Dan ifisser b'mod konkret li, għandhom jiġu allokati biżżejjed riżorsi umani u materjali sabiex ikun żgurat kontroll effettiv.

- Aħna nappoġġjaw il-fatt li l-intrapriżi jkunu esklużi mill-ksib pubbliku u mill-appoġġ pubbliku f'ċerti każijiet, ngħidu aħna, meta ma jkunux rispettati l-ugwaljanza tas-sessi jew il-liġi tax-xogħol.

## Tassazzjoni u sussidji

Politiki ħodor dwar it-taxxa u s-sussidji jikkontribwixxu għal ekonomija ġusta b'mod soċjali u ambjentali.

It-tassazzjoni għandha tliet funzjonijiet ewlenin fl-ekonomija: it-taxxi jiġġeneraw id-dħul għal prodotti u servizzi forniti b'mod pubbliku, huma mezz sabiex jitqassmu mill-ġdid id-dħul u r-rikkezza fost individwi u reġjuni u huma metodu sabiex l-attivitajiet ekonomiċi jkunu aġġustati b'tali mod li jistimulaw dawk l-attivitajiet li huma ta' benefiċċju għall-ġid komuni u jnaqqsu effetti mhux mixtieqa. B'mod speċifiku, fil-ġlieda kontra l-bidla fil-klima, it-taxxi, il-ħlasijiet u l-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet kollha huma strumenti li jistgħu jadottaw allokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi.

It-taxxi u s-sussidji jridu jkunu trasparenti, ġusti u faċli sabiex wieħed jamministrahom. Ir-riforma ħadra tat-taxxa soċjoekoloġika tneħħi l-mira minn fuq ix-xogħol u titfagħha fuq l-użu ta' riżorsi naturali limitati u tassazzjoni ikbar fuq il-kapital. Mhijiex ħaġa aċċettabbli li x-xogħol bħala fattur ta' produzzjoni jkun intaxxat iktar mill-kapital.

Il-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa u l-frodi tat-taxxa għandha tingħata prijorità iktar b'saħħitha; għaldaqstant, għandhom ikunu disponibbli riżorsi xierqa.

***B'mod konkret, aħna l-Ħodor nipproponu***

- **Ekotaxxi u ekobonusis:** L-ekotaxxi u l-ekobonusis iġibu magħhom ekonomija sostenibbli permezz tal-promozzjoni ta' prodotti u servizzi li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent. Għażliet ħodor għandhom ikunu inkoraġġiti b'mod finanzjarju minflok ikunu penalizzati. F'dak ir-rigward, taxxi tas-$CO_2$ u tal-enerġija għandhom ikunu element ċentrali tal-politika tat-tassazzjoni, mhux biss għażla żejda f'sistema tat-

tassazzjoni li bħalissa mhijiex qiegħda taħdem favur l-ambjent u kontra l-bidla fil-klima.

F'każ li l-enerġija ssir tiswa iktar flus, l-iffrankar tal-enerġija jsir iktar attraenti. Sorsi rinnovabbli sostenibbli għandhom jiġu intaxxati anqas meta mqabbla mat-taxxi fuq l-enerġija fossili.

Ngħidu aħna, is-settur tal-avjazzjoni m'għandux jibqa' jibbenefika mill-privileġġi fiskali tiegħu, filwaqt li mezzi oħrajn tat-trasport bħall-ferroviji qegħdin jiġu intaxxati. Fis-settur tad-djar, sussidji mfassla b'mod soċjali għandhom jinkoraġġixxu l-effiċjenza tal-enerġija.

- **Taxxa ġusta u progressiva fuq id-dħul:** Għall-ħodor, sabiex tkun żgurata ekwità, it-taxxa fuq id-dħul għandha tqis is-sorsi kollha ta' dħul. It-tassazzjoni fuq id-dħul, suġġetta għal limitu minimu, għandha tkun progressiva sabiex tiżgura li n-nies jagħtu kontribut skont l-abiltà tagħhom ta' ħlas. It-tnaqqis tat-taxxa għandu jkun ġust b'mod soċjali u ambjentali u jinkoraġġixxi investiment sostenibbli.

- **Ġlieda kontra t-tnaqqis tat-taxxi korporattivi:** Sabiex tkun evitata kompetizzjoni tat-taxxa li twassal għar-rovina, il-Ħodor jinsabu favur qafas komuni għat-taxxi korporattivi simili għal dak li jeżisti dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud. Dan għandu jinkludi kemm bażi armonizzata tat-taxxa kif ukoll rati minimi u divrenzjati tat-taxxa (jiġifieri, rata minima tat-taxxa relattivament baxxa għall-Istati Membri ġodda sakemm dawn jilħqu l-livelli meħtieġa u rata ogħla għall-Istati Membri qodma tal-UE). Dan għandu jiżgura li l-korporazzjonijiet jikkontribwixxu s-sehem ġust tagħhom tad-dħul mit-taxxa fl-Unjoni Ewropea kollha.

- **Taxxi fuq il-proprjetà bħala kontribut ġust għad-dħul mit-taxxa:** Il-kapital irid jikkontribwixxi sehem ġust għad-dħul totali mit-taxxa. Hekk kif it-tqassim mhux ugwali tad-dħul u tal-kapital qiegħed jiżdied fl-Unjoni Ewropea, it-taxxi fuq il-proprjetà għandhom rwol vitali fit-tnaqqis ta' dawk l-inugwaljanzi. Dan il-fattur jippermetti lill-Istati Membri li jiffinanzjaw prodotti u servizzi ta' interess pubbliku jew li jnaqqsu l-piż tat-taxxa minn fuq ix-xogħol. F'termini ta' allokazzjoni, l-intaxxar ta' taxxi fuq il-proprjetà jista' saħansitra jtejjeb l-effiċjenza ta' assi bħall-beni immobbli.

- **Introduzzjoni tat-taxxa Tobin/Spahn:** L-ispekulazzjoni finanzjarja tirrappreżenta riskju kbir ta' destabbilizzazzjoni tal-ekonomija reali u twessa' l-firda bejn is-sinjuri u l-foqra. It-taxxa tat-tip Tobin/Spahn fuq tranżazzjonijiet finanzjarji tista' tgħin sabiex tnaqqas il-volatilità tas-swieq finanzjarji internazzjonali. Tipproduċi wkoll dħul sinifikanti bbażat fuq tranżazzjonijiet li jseħħu l-iktar f'pajjiżi żviluppati sew u li għandu jintuża sabiex tingħata għajnuna b'rabta mal-koperazzjoni internazzjonali għall-iżvilupp.

- Dibattitu dwar l-introduzzjoni ta' sistema għall-immaniġġjar tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra. Sistema ta' limitu u skambju tal-kwoti tal-karbonju tista'

tnaqqas l-emissjonijiet totali tas-$CO_2$ u talloka ħlas għall-emissjonijiet tas-$CO_2$.

## It-triq li twassal għall-progress

L-isfidi li qegħdin naffrontaw aħna l-bnedmin huma bla qies. Biljuni ta' nies jaspiraw li jilħqu l-iktar standards bażiċi tal-għajxien: sabiex ikunu jistgħu jitimgħu lilhom infushom, ikollhom aċċess għall-ilma nadif tax-xorb, ikollhom kenn deċenti, ikollhom aċċess għall-kura tas-saħħa u għall-edukazzjoni bażika, f'ambjent paċifiku u b'saħħtu. Anke f'dawk il-partijiet tad-dinja li, għal sekli jew għal deċennji biss, ibbenefikaw minn rata iktar mgħaġġla ta' żvilupp ekonomiku, għandhom jinstabu tweġibiet għal kwistjonijiet importanti: id-degradazzjoni mgħaġġla tal-ambjent tagħna u t-tnaqqis tar-riżorsi tad-dinja, iż-żieda fl-inugwaljanzi soċjali, dipendenza fuq id-droga li kulma jmur qiegħda tiżdied, id-degradazzjoni tal-istruttura soċjali, huma kollha eżempji li s-soċjetajiet tagħna ma jinsabux fl-aħjar kondizzjonijiet possibbli. L-aħħar iżda mhux l-anqas, l-isfida tal-bidla fil-klima qiegħda thedded b'mod dirett is-sopravivenza vera u proprja ta' ħajjet il-bniedem fuq il-pjaneta.

Filwaqt li ma nissottovalutawx dik it-theddida, aħna l-Ħodor inqisu l-bidla fil-klima bħala opportunità wkoll. Ħalluha ħalli sservi bħala sejħa ta' qawmien għalina l-bnedmin kollha u punt ta' bidla fl-istorja tad-dinja.  Wasal iż-żmien li l-ekonomija tibda taħdem għan-nies – mhux għal ftit nies, hawnhekk u għalissa biss – pjuttost milli bil-kontra.  Għandha ssir strument li bih jintlaħqu b'suċċess l-isfidi msemmija hawnfuq, u li jqiegħed lis-soċjetajiet tagħna fit-triq li twassal għall-iżvilupp sostenibbli.

It-tibdil tal-ekonomiji tagħna mhuwiex se jseħħ waħdu. Se jkun jesiġi l-involviment tal-atturi kollha. Il-gvernijiet fil-livelli kollha, li jagħtu kont liċ-ċittadini tagħhom, għandhom jieħdu mill-ġdid l-inizjattiva, jiddefinixxu regoli ġodda għall-kompetizzjoni ekonomika, jistabbilixxu miri, jipprovdu inċentivi, jinvestu f'oqsma ewlenin bħall-edukazzjoni u s-saħħa, iżda wkoll joħolqu kondizzjonijiet għall-kreattività u l-inġenjożità tan-nies u tal-intrapriżi sabiex dawn jirnexxu u jimxu 'l quddiem. Intrapriżi ta' kwalunkwe daqs għandhom jaffrontaw ukoll dawn l-isfidi ġodda u jaċċettaw ir-regoli ġodda tal-logħba, mhux biss f'livell lokali iżda wkoll f'livell globali.  Għandhom jirrikonoxxu li l-gvernijiet demokratiċi huma l-għassiesa tal-interess komuni. F'dan ir-rigward ukoll, il-gvernijiet iridu jirrikonoxxu li bl-ebda mod m'aħna se nilħqu l-isfidi daqstant faċilment mingħajr ma jkun hemm tkabbir u innovazzjoni tal-intrapriżi, mingħajr ma noperaw fi swieq miftuħin, trasparenti u ġusti. Koperattivi, assoċjazzjonijiet u organizzazzjonijiet mhux governattivi għandhom b'xi mod ikunu kemm dawk li jsibu t-triq it-tajba għad-dinja ġdida tagħna kif ukoll għassiesa tal-gvernijiet u tal-intrapriżi tal-istess xorta. L-aħħar iżda mhux l-anqas, hija responsabiltà tagħna lkoll, bħala ċittadini, konsumaturi, studenti, ħaddiema (impjegati jew qiegħda), negozjanti, li nġibu ruħna b'mod responsabbli. Wara kollox, l-atturi msemmija hawnfuq huma magħmulin, l-ewwel u qabel kollox, min-nies; in-nies jagħmlu l-ġejjieni tagħna possibbli.

Ta' sikwit nisimgħu li, il-fatt li tinstab soluzzjoni għal sfidi, barra li jintlaħaq l-ogħla profitt għall-futur qarib, sempliċement joqtol l-ekonomija. Għal dan il-punt aħna nwieġbu li, billi ma tinstabx soluzzjoni għalihom, l-ekonomija tkun qiegħda toqtol il-pjaneta u l-abitanti tagħha. L-istorja turi li l-evoluzzjonijiet ewlenin bħat-tfaċċar tad-drittijiet soċjali fid-dinja industrijalizzata ma kenux ta' kastig għall-ekonomija; għall-kuntrarju, tawha spinta 'l quddiem lejn orizzonti ġodda (għalkemm l-ambjent bata l-konsegwenzi tagħhom!) Aħna l-Ħodor nemmnu li, il-fatt li nqiegħdu lis-soċjetajiet tagħna fit-triq li twassal għall-iżvilupp sostenibbli, se jkollu effett simili. Ilum il-ġurnata, diġà naraw il-ħolqien ta' mijiet ta' eluf ta' impjiegi f'pajjiżi li kellhom l-iktar pożizzjoni prominenti b'rabta mal-Ekonomija ħadra. F'dik l-ekonomija ta' għarfien u ta' innovazzjoni, l-Ewropa għandha l-opportunità li jkollha rwol ewlieni. Peress li l-bidla fil-klima ma tistenna lil ħadd, issa wasal iż-żmien li naġixxu.